# KULLEĠĠ SANTA KLARA

## SKOLA SEKONDARJA - PEMBROKE

**L-EŻAMI ANNWALI 2014**

| IL-LIVELLI |
|---|
| 4 – 5 – 6 |

| | | |
|---|---|---|
| L-EWWEL SENA | IL-MALTI BĦALA LINGWA BARRANIJA (Il-Kitba) | IL-ĦIN: SAGĦTEJN u KWART |

**L-Isem:** ______________________________ **Il-Klassi:** _________ **Il-Marka Totali:** ______

**IT-TWEĠIBIET GĦANDHOM IKUNU MIKTUBIN BIL-LINKA. MINBARRA FEJN MITLUB, IL-LAPSIJIET GĦANDHOM JINTUŻAW BISS GĦAT-TPINĠIJA U XOGĦOL GRAFIKU.**

| IL-MARKI | | | |
|---|---|---|---|
| | Il-Qari u t-Taħdit | **10** | |
| | Is-Smigħ | **15** | |
| | Il-Qari u l-Kitba | **75** | |
| | **IT-TOTAL** | **100** | |

**SILTA GĦALL-ISTĦARRIĠ**

**Aqra din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet ta' wara.**

# L-Iljunfant Ċipu

Jien spiss kont noqgħod nilgħab fi ġnien sabiħ ftit 'il bogħod mid-dar tagħna. Darba waqt li kont qed niġri u nilgħab waħdi mal-għasafar u l-insetti nilmaħ inkwatru żgħir fil-ħaxix.



Ġbartu u kif dawwartu nara stampa ta' iljunfant żgħir griż jitbissem. Kien tassew gustuż u kieku mhux għax kien fl-inkwatru kont tistħajlu ta' vera. Ma bqajtx nilgħab u tlaqt lejn id-dar b'dan l-inkwatru f'idi. Is-sejba ta' dan l-inkwatru welldet fija ferħ ġdid. Kif wasalt id-dar bqajt tiela' fuq fil-kamra tiegħi, naddaftu mit-trab li kien miksi bih u qegħidtu fuq il-komodina. Qgħadt għal xi ftit ħin fuq is-sodda nħares lejn dan l-iljunfant biss ma laħqux għaddew tliet minuti li dan l-imbierek ta' iljunfant żgħir griż beda jiċċaqlaq u fi ftit sekondi kien qiegħed jiġri fuq il-komodina u jaqleb kull ħaġa li kelli fuqha. **(par. 1)**

Jien ħsibt li qed nimmaġina, biss wara ftit tal-ħin mhux talli dan l-iljunfant kompla jiġri 'l hemm u 'l hawn talli beda jkellimni bil-Malti. Jien ma stajtx nemmen la lil għajnejja u lanqas lil widnejja. Huwa qalli li kien jismu Ċipu u kien l-iljunfant ħabib tat-tfal. Qattajna l-isbaħ ġimagħtejn flimkien nitkellmu, nidħku u niġru ma' kullimkien. Saħansitra l-iskola kont nieħdu miegħi għaliex tajjeb ngħidilkom li dan l-iljunfant kien inviżibbli u kont narah jien biss. Ċipu għallimni l-valur tal-ħbiberija. Minn mindu sibt lil Ċipu l-ħbieb bdew jiżdiedu u fil-ġnien sabiħ ftit 'il bogħod mid-dar tagħna, issa ma kienx hemm jien waħdi nilgħab bħal qabel, iżda bosta tfal oħra li magħhom bdejt inqatta' ħafna sigħat sbieħ nilgħab. **(par. 2)**

Għodwa minnhom qomt u kif dort sabiex inqajjem lil Ċipu ma sibtux hemm. Dawwart ħarsti u l-inkwatru kien għeb ukoll. Niżlitli demgħa għax indunajt li Ċipu kien telaq, imma kont naf ukoll li fejn mar, mar biex jgħin tfal oħra kif kien għamel miegħi. **(par. 3)**

*(Addattament tas-silta* ***L-Iljunfant Ċipu*** *ta' Sharon Micallef Cann, p. 59 minn 1.mt Xogħol għad-Dar)*

## A. IL-FEHIM MILL-QARI (13-il marka)

**A1. Wieġeb dawn li ġejjin billi timmarka ☑ t-tweġiba/tweġibiet it-tajba.**

1. X'jismu l-iljunfant ta' din l-istorja? **(par. 1)**

❑ a. Inkwatru. ❑ b. Ċipu. ❑ ċ. Miċu. ❑ d. Ħabib.

2. X'lemaħ darba t-tifel tal-istorja fil-ħaxix? **(par. 1)**

❑ a. Ġnien sabiħ. ❑ b. Dar kbira. ❑ ċ. Għasafar. ❑ d. Inkwatru żgħir.

3. X'kien hemm fl-istampa tal-inkwatru? **(par. 1)**

❑ a. Iljunfant kbir abjad jitbissem. ❑ b. Iljunfant żgħir griż jitbissem. ❑ ċ. Kelb żgħir griż jibki. ❑ d. Qattus żgħir griż jibki.

4. X'għamel it-tifel b'dan l-inkwatru? **(par. 1)**

❑ a. Ħadu d-dar u qiegħdu fuq il-komodina. ❑ b. Ħadu d-dar u qiegħdu fil-ġnien. ❑ ċ. Ħadu d-dar u qiegħdu fil-kċina. ❑ d. Ħadu d-dar u qiegħdu fil-basket tal-iskola.

5. X'ġara wara ftit inqas minn tliet minuti? **(par. 1)**

❑ a. L-iljunfant sparixxa mill-inkwatru. ❑ b. L-iljunfant ħareġ mill-inkwatru u beda jiġri fuq il-komodina. ❑ ċ. L-iljunfant ħareġ mill-inkwatru u ħarab mit-tieqa. ❑ d. L-iljunfant beda jkanta l-Innu Malti.

6. X'beda jagħmel dan l-iljunfant wara ftit tal-ħin? **(par. 2)**

❑ a. Beda jiżfen u jaqbeż. ❑ b. Beda jtir. ❑ ċ. Beda jkellem lit-tifel bil-Malti. ❑ d. Beda jkanta b'lingwa ġdida.

7. Kemm damu flimkien it-tifel u l-iljunfant? **(par. 2)**

❑ a. Sagħtejn. ❑ b. Xahrejn. ❑ ċ. Ġimagħtejn. ❑ d. Sentejn.

8. Għaliex it-tifel kien jieħu lil Ċipu l-iskola? **(par. 2)**

❑ a. Għax kien inviżibbli. ❑ b. Għax kien iljunfant żgħir. ❑ ċ. Għax kien fi skola kbira. ❑ d. Għax kien fi klassi kbira.

9. Liema valur għallmu dan l-iljunfant lit-tifel? **(par. 2)**

❑ a. Tal-ħbiberija. ❑ b. Tal-logħob. ❑ ċ. Tax-xogħol. ❑ d. Tal-flus.

10. Xi ġralu t-tifel minn mindu sab lil Ċipu? **(par. 2)**

❑ a. Il-ħbieb bdew jonqsu. ❑ b. Ix-xogħol tal-iskola beda jagħmlu aħjar. ❑ ċ. Il-ħbieb bdew jiżdiedu. ❑ d. Beda jiekol ħafna frott u ħaxix.

11. X'ġara għodwa minnhom? **(par. 3)**

❑ a. Xi tfal serqulu lil Ċipu. ❑ b. Ma sabx lil Ċipu. ❑ ċ. Sab lil Ċipu fil-ġnien. ❑ d. Omm it-tifel rat lil Ċipu.

12. X'kien hemm li għeb ukoll mal-iljunfant Ċipu? **(par. 3)**

❑ a. Il-komodina. ❑ b. L-inkwatru. ❑ ċ. Id-dar. ❑ d. Il-ġnien.

13. Xi ġralu t-tifel meta ntebaħ li Ċipu telaq? **(par. 3)**

❑ a. Beda jgħajjat. ❑ b. Beda jidħak. ❑ ċ.Telaq ifittxu fil-ġnien. ❑ d. Beda jibki.

14. Għaliex għamel hekk it-tifel? **(par. 3)**

❑ a. Għax kien imdejjaq li Ċipu telaq. ❑ b. Għax kien ferħan li Ċipu telaq. ❑ ċ. Għax Ċipu kien se jibqa' miegħu għal dejjem. ❑ d. Għax Ċipu kien sar tad-drapp.

15. Fejn taħseb li mar Ċipu? **(par. 3)**

❑ a. Jiekol. ❑ b. Jgħin tfal oħra. ❑ ċ. Jixrob. ❑ d. Lura fil-ġungla.

16. Għaliex taħseb li Ċipu ġie jżur lil dan it-tifel?

❑ a. Għax kien il-kuġin tiegħu. ❑ b. Għax dan it-tifel kellu ħafna ħbieb. ❑ ċ. Għax dan it-tifel ma kellux ħbieb. Ried jgħinu. ❑ d. Għax dan it-tifel kien iħobb l-iljunfanti.

17. X'taħseb li kien ix-xogħol ta' dan l-iljunfant?

❑ a. Jgħin tfal li ma jkollhomx ħbieb. ❑ b. Idur id-dinja u jiekol ikel differenti. ❑ ċ. Jitgħallem lingwi differenti. ❑ d. Iżur pajjiżi differenti.

| B. IL-GRAMMATIKA | (52 marka) |
|---|---|

**B1. L-artiklu:** **(10 marki)**
**Agħti l-artiklu ta' dawn li ġejjin.**

| |
|---|
| 0. __**il-**__klassi |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 1. _____ġnien | 2. _____dar | 3. _____għasafar | 4. _____insetti | 5. _____inkwatru |
| 6. _____ħaxix | 7. _____stampa | 8. _____iljunfant | 9. _____kamra | 10. _____trab |
| 11. _____komodina | 12. _____ sodda | 13. _____tfal | 14. _____skola | 15. _____ħbiberija |
| 16. _____ħbieb | 17. _____għodwa | 18. _____demgħa | 19. _____storja | 20. _____tagħlima |

**B2. L-Aġġettivi:** **(5 marki)**
**Aqta' linja taħt l-aġġettiv li hemm f'kull sentenza.**

0. Jien spiss kont noqgħod nilgħab fi ġnien **sabiħ** ftit 'il bogħod mid-dar tagħna.
1. Darba waqt li kont qed niġri u nilgħab waħdi mal-għasafar u l-insetti nilmaħ inkwatru żgħir fil-ħaxix.
2. Ġbartu u kif dawwartu nara stampa ta' iljunfant ħelu jitbissem.
3. Kien tassew gustuż u kieku mhux għax kien fl-inkwatru kont tistħajlu ta' vera.
4. Wara ftit minuti dan l-iljunfant griż beda jiċċaqlaq.
5. Minn mindu sibt lil Ċipu, il-ħbieb bdew jiżdiedu u fil-ġnien kbir ftit 'il bogħod mid-dar tagħna, issa kien hemm jiena ma' ħafna ħbieb.

**B3. Il-Pronomi Dimostrattivi** **(4 marki u nofs)**
**Qiegħed il-pronom dimostrattiv ħdejn in-nom it-tajjeb.**

| din | dan | dawn | dik | dak | dawk |
|---|---|---|---|---|---|

| |
|---|
| 0. **Din** *(this)* il-mejda. |

| | | |
|---|---|---|
| 1. __________ *(that)* il-bieb. | 2. __________ *(this)* il-karta. | 3. __________ *(that)* il-lapes. |
| 4. __________ *(that)* is-siġġu. | 5. __________ *(these)* il-kotba. | 6. __________ *(this)* il-fajl. |
| 7. __________ *(that)* it-tieqa. | 8. __________*(those)* il-bibien. | 9. __________ *(this)* il-basket. |

**B4. Il-Ħin** **(5 marki)**

**Aħdem dan li ġej billi tqiegħed l-ittra tas-sentenza taħt il-kaxxa t-tajba.**

a. Mark jaħsel wiċċu.
b. Fis-sebgħa u għaxra Mark jagħmel xagħru.
ċ. Fit-tmienja u kwart Mark jasal l-iskola.
~~**d. Mark iqum fis-sebgħa neqsin għaxra.**~~
e. Fit-tmienja neqsin kwart joħroġ mid-dar u jmur l-iskola.
f. Fis-siegħa u nofs ta' waranofsinhar joħroġ mill-klassi.
~~**ġ. Mark joħroġ mis-sodda fis-sebgħa.**~~
g. Fis-sebgħa u ħamsa Mark jilbes il-ħwejjeġ.
għ. Fis-sagħtejn Mark jiekol l-ikel.
h. Fit-tmienja u nofs Mark jibda jikteb u jistudja.
ħ. Mark jaħsel snienu.
i. Fis-sebgħa u kwart Mark jieħu l-kolazzjon.




| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **1.** | *d* | **2.** | *ġ* | **3.** | | **4.** | |




| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **5.** | | **6.** | | **7.** | | **8.** | |




| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **9.** | | **10.** | | **11.** | | **12.** | |

**B5. Il-Verb – L-Imperfett/Il-Preżent** **(20 marka)**

**Kompli dawn it-tabelli billi tikkonjuga l-verbi fil-preżent u tagħti l-għerq.**

| L-Imperattiv | Il-Persuni | Il-Preżent | Il-Mamma | L-Għerq |
|---|---|---|---|---|
| **0** iftaħ | **Jien** | **n**iftaħ | fetaħ *(to open)* | f-t-ħ |
| | **Int** | **t**iftaħ | | |
| | **Hu** | **j**iftaħ | | |
| | **Hi** | **t**iftaħ | | |
| iftħu | **Aħna** | **n**iftħu | | |
| | **Intom** | **t**iftħu | | |
| | **Huma** | **j**iftħu | | |

| L-Imperattiv | Il-Persuni | Il-Preżent | Il-Mamma | L-Għerq |
|---|---|---|---|---|
| **1** ikteb | **Jien** | | kiteb *(to write)* | ________ |
| | **Int** | | | |
| | **Hu** | | | |
| | **Hi** | | | |
| iktbu | **Aħna** | | | |
| | **Intom** | | | |
| | **Huma** | | | |

| L-Imperattiv | Il-Persuni | Il-Preżent | Il-Mamma | L-Għerq |
|---|---|---|---|---|
| **2** agħlaq | **Jien** | | għalaq *(to close)* | ________ |
| | **Int** | | | |
| | **Hu** | | | |
| | **Hi** | | | |
| agħlqu | **Aħna** | | | |
| | **Intom** | | | |
| | **Huma** | | | |

| L-Imperattiv | Il-Persuni | Il-Preżent | Il-Mamma | L-Għerq |
|---|---|---|---|---|
| **3** ilgħab | **Jien** | | laghħab *(to play)* | ________ |
| | **Int** | | | |
| | **Hu** | | | |
| | **Hi** | | | |
| ilagħbu | **Aħna** | | | |
| | **Intom** | | | |
| | **Huma** | | | |

| L-Imperattiv | Il-Persuni | Il-Preżent | Il-Mamma | L-Għerq |
|---|---|---|---|---|
| **4** itla' | **Jien** | | tela' *(to go up)* | ________ |
| | **Int** | | | |
| | **Hu** | | | |
| | **Hi** | | | |
| itilgħu | **Aħna** | | | |
| | **Intom** | | | |
| | **Huma** | | | |

| L-Imperattiv | Il-Persuni | Il-Preżent | Il-Mamma | L-Għerq |
|---|---|---|---|---|
| **5** ħobb | **Jien** | | ħabb *(to love)* | ________ |
| | **Int** | | | |
| | **Hu** | | | |
| | **Hi** | | | |
| ħobbu | **Aħna** | | | |
| | **Intom** | | | |
| | **Huma** | | | |

**B6. Sintassi** **(7 marki u nofs)**

**Għaqqad f'sentenzi l-kliem li ġej.**

**0.** **bil-mod, Riina, titla', t-taraġ -----** Riina titla' t-taraġ bil-mod.

**1.** l-aħmar, jilgħab, Neeko, bil-ballun

______________________________

**2.** pulit, Monica, ħafna, tikteb

______________________________

**3.** jikteb, Florin, pulit

______________________________

**4.** tikteb, il-bord, Iveta, fuq

______________________________

**5.** sabiħ, Anastasia, tpinġi, ħafna

______________________________

**6.** il-pizza, Salvatore, jiekol

______________________________

**7.** iħobb, Jack, jirreċta

______________________________

**8.** tisma', Kaiya, l-mużika

______________________________

**9.** jitkellem, Daniel, bil-Malti

______________________________

**10.** sbieħ, tagħmel, Samira, preżentazzjonijiet,

______________________________

**11.** jaqra, ħafna, Kaine, tajjeb

______________________________

**12.** tħobb, Vendela, il-kuluri, sbieħ

______________________________

**13.** kmieni, jasal, Peter, għal-lezzjoni

______________________________

**14.** jipparteċipa, il-lezzjoni, Ihfaf, waqt

______________________________

**15.** tħobb, Hannah, tas-sajf, il-vaganzi

______________________________

| Ċ. KITBA KREATTIVA | (10 marki) |
|---|---|

**Kitba dwar stampa.**

- Agħżel **tnejn** minn A, B, Ċ jew D u ikteb **5 sentenzi** dwar kull waħda. (*Choose 2 from the following 4 titles (A, B, C and D) and write 5 sentences about each one*).
- **F'kull waħda għandek xi vokabularju li jista' jgħinek.**

| A. Il-Familja Tiegħi | (5 marki) |
|---|---|



- Kemm qegħdin fil-familja?
- X'jismu missierek?
- X'jisimha ommok?
- Għandek ħutek?
- X'jisimhom?
- Fejn toqogħdu?
- Tgħixu ġo dar, appartament jew villa?
- Għandkom annimali? Jekk iva, kemm u x'jisimhom?

qegħdin

jismu

jisimha

ħija/oħti

noqogħdu

ngħixu

kelb/a

| B. Il-Ktieb Favorit Tiegħi | (5 marki) |
|---|---|




___________________________________________________________________

___________________________________________________________________

___________________________________________________________________

___________________________________________________________________

___________________________________________________________________

___________________________________________________________________

___________________________________________________________________

___________________________________________________________________

___________________________________________________________________

___________________________________________________________________

___________________________________________________________________

**Ċ. Niddeskrivi Lili Nnifsi** **(5 marki)**




___

___

___

___

___

___

___

___

___

___

___

**D. Ir-Rutina Tiegħi** **(5 marki)**

X'ħin tqum?

X'ħin tinħasel?

X'ħin tmur l-iskola?

X'tieħu għall-kolazzjon?

X'ħin tispiċċa mill-iskola?

X'tagħmel wara l-iskola?

X'ħin tidħol torqod?



inqum

ninħasel

immur

nieħu

nispiċċa

nilgħab

nistudja

**TMIEM IL-KARTA**